

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Teresa RIBERA****Viçi President Eżekuttiv għat-Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u  
Kompetittiva****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta u tintegra l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

*X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, li qed twettaq jew li se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twetiq ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Ilni impenjata favur il-promozzjoni tal-ġid komuni Ewropew tul il-karriera professjonali kollha tiegħi, l-aktar bħala impjegata taċ-ċivil. Ninsab konvinta mill-importanza li jiġu allinjati l-politiki ekonomiċi u ambjentali biex jiġu pprovduti benefiċċji soċjali, prosperità ekonomika u kisbiet fil-kompetittività u l-ġestjoni ambjentali. L-iżgurar ta' trasformazzjoni soda u effettiva fl-ekonomija jeħtieġ appoġġ wiesa' mis-soċjetà bbażat fuq id-djalogu u kunsens wiesa'.

Tabilħaqq, bħala d-Deputat Prim Ministru ta' Spanja u l-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika; bħala Segretarja tal-Istat għall-Ambjent; u bħala Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Spanjol dwar it-Tibdil fil-Klima, iddedikajt l-enerġija tiegħi f'bini ta' pontijiet bejn fehmiet u aspettattivi differenti biex niżgura li jsir progress u nimxu 'l quddiem. Iddedikajt l-isforzi tiegħi biex inħoll l-imblokki, nallinja l-pożizzjonijiet, ninseġ flimkien diversi varjabbli u nfitex soluzzjonijiet maħluqa minn perspettiva olistika.

L-involvement attiv fin-negozjati dwar il-klima ppermettieli nitgħallem li sfidi kumplessi jeħtieġu approċċ multidimensjonali u l-integrazzjoni ta' dixxiplini differenti (l-enerġija, il-klima, l-ambjent, l-industrija, il-finanzi...). L-esperjenza tiegħi bħala d-Direttur tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli u r-Relazzjonijiet Internazzjonali (IDDRI, Institute for Sustainable Development and International Relations) ippermettieli nipprovidi kontributi intellettuali biex nartikola ftehim dwar il-klima bbilanċjat sew li l-komunità internazzjonali kisbet f'Pariġi fl-2015.

Tgħallimt napprezza s-sinifikat li nsawwar u nrawwem ftehimiet robusti u l-importanza li nirrikonoxxu l-interdipendenzi tagħna. Fuq kolloxx, irrikonoxxajt li l-individwi l-aktar milquta mill-politiki jridu dejjem jiġu inklużi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. It-tranżizzjoni lejn mudell industrijali u ekonomiku ġdid teħtieġ approċċi ġodda u attenzjoni partikolari għal dawk li qed jiġu affettwati l-aktar.

L-isfidi li qed niffaċċjaw illum u dik li għandna bżonn nantiċipaw aħna u nwittu t-triq għall-futur ma jistgħux jiġu indirizzati f'kompartmenti magħluqa, peress li dawn ir-realtajiet kollha huma interkonnessi. Għalhekk, nemmen li l-kummissarji tal-UE jridu jaħdmu bħala tim wieħed, b'approċċ strateġiku komuni bbażat fuq il-bilanċ u l-kunsens.

Bħala Kummissarju Ewropew, se nimplimenta l-linji gwida politiċi 2024-2029 tal-President elett abbażi tal-konvinzjoni qawwija li għarfet il-karriera professjonali u politika tiegħi: il-bini ta' pontijiet u t-trawwim tad-djalogu, huwa l-aktar mezz xieraq biex jintlaħqu l-għanijiet li stabbilejna.

Nemmen li dawn il-ħiliet huma partikolarment utli fis-sitwazzjoni attwali fejn jeħtieġ li nkunu saħansitra aktar magħqudin biex nindirizzaw l-isfidi tal-UE, f'kuntest ta' kompetizzjoni globali kbira, biex insibu l-aħjar modi biex intejbu l-kompetittività tal-industrija tagħna, suq li jiffunzjona tajjeb u azzjoni impenjata biex nwiegħbu tajjeb l-aspettattivi taċ-ċittadini f'konformità mal-valuri tagħna.

Kif enfasizzaw ir-rapporti ta' Enrico Letta u Mario Draghi, sabiex nirnexxu fl-ambjent globali attwali, neħtieġu suq uniku li jiffunzjona tajjeb biex nagħtu spinta lill-prosperità, niprotegħu lill-konsumaturi u nibnu ekosistema attraenti għall-investment, l-innovazzjoni, l-industrija nadifa u l-impjiegi biex nikkompetu globalment.

Bħala Kummissarju Ewropew, se nżomm soda wkoll dwar il-politiki ta' parità bejn il-ġeneri. Inwiegħed li t-timijiet tiegħi se jirrispettaw dan il-prinċipju u li se naħdem biex nindirizza l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa. Jiena impenjata li flimkien mal-Membri l-oħra tal-Kulleġġ niżgura li l-implimentazzjoni tal-ugwaljanza tkun ċentrali għat-tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva tagħna.

Jiena impenjata li naħdem mal-Kummissarji sħabi biex niżgura li l-wegħda ta' prosperità tal-UE tingħata lill-ġenerazzjonijiet żgħażaġh tagħna. Għandna dmir li naħdmu biex inħallu pjaneta b'saħħitha għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Għalhekk, jeħtieġ li nintegraw aktar dimensjoni ta' ekwità interġenerazzjonali fil-politiki tagħna biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inkluż f'oqsma bħall-ħiliet u l-akkomodazzjoni. Jien impenjata li niżgura l-istess standards fl-Unjoni Ewropea kollha dwar il-benesseri tal-annimali, kif ukoll l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom filwaqt li jiġu indirizzati s-sostenibbiltà, il-kunsiderazzjonijiet etiċi, xjentifiċi u ekonomiċi, u l-aspettattivi tal-konsumaturi. Fl-isfera internazzjonali, jeħtieġ li nkomplu nipromwovu standards globali għoljin.

Ma hemm l-ebda kunflitt bejn it-trajettorji personali u professjonali tiegħi u r-responsabbiltajiet li se nassumi bħala Kummissarju Ewropew. Ma għandi l-ebda interess privat la fid-dinja finanzjarja u lanqas f'dik korporattiva. Kompletament konxja mir-responsabbiltà li qed nieħu, u ma hemm u mhu se jkun hemm xejn fi triqti li se jiddevjani mill-prinċipju tan-newtralità. L-impenn sħiħ tiegħi jkun favur il-ġid komuni taċ-ċittadini Ewropej. Jekk fil-ġejjieni tinqala' sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali fit-twettiq ta' dmirijiet bħala Kummissarju, nieħu ħsieb ninforma lill-President von der Leyen mingħajr dewmien.

Jien persuna dixxiplinata u rispettuża, konxja u impenjata lejn l-għanijiet u l-kompetenzi deskritti fit-Trattati tal-UE. Jiena nżomm u se nibqa' nżomm il-kunfidenzjalità b'diliġenza u b'indipendenza matul il-karriera tiegħi. Inwiegħed lealtà lejn id-difiża u l-implimentazzjoni tat-Trattati tal-UE u li naġixxi minn pożizzjoni ta' newtralità u indipendenza għall-interess tal-Istati Membri individwali, inkluż dak li ppropona n-nomina tiegħi.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament dwar l-azzjonijiet tiegħek u dawk tad-dipartimenti tiegħek? F'liema rigward tqis lilek innifsek responsabbli fil-konfront tal-Parlament?*

*X'impniji speċifiċi lesta li tieħu f'termini tal-involvement tiegħek mal-Parlament u tal-preżenza tiegħek fih, kemm fil-livell ta' kumitat kif ukoll f'dak tal-plenarja, kif ukoll f'termini ta' trasparenza, kooperazzjoni u segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u għal talbiet għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lesta tipprovi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumenti bl-istess mod bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Inwiegħed li nżomm lill-Parlament Ewropew infurmat kontinwament dwar l-oqsma li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħi. Jekk niġi kkonfermata, se niżgura li dan l-approċċ jiġi segwit b'mod konsistenti fil-portafoll tiegħi, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Membri oħra tal-Kulleġġ u mas-servizzi rilevanti, b'mod partikolari mal-Kummissarji fir-raggruppament "Tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva" biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-fluss ta' informazzjoni mal-Parlament.

Jien se nieħu r-responsabbiltà u nkun responsabbli għad-deċizzjonijiet li jittieħdu mill-Kummissjoni bħala Kulleġġ. Aktar importanti minn hekk, se nagħmel dan b'rispett għaċ-ċittadini fl-Ewropa. Se nżur l-Istati Membri b'mod regolari, inklużi żoni lil hinn mill-ibliet kapitali tagħhom.

Flimkien, jeħtieġ li naħdmu aktar u b'ritmu aktar mgħaġġel għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa. Irridu nistinkaw għal tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva li tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha, filwaqt li niżguraw li s-swieq jaħdmu aħjar għall-konsumaturi u n-negozji Ewropej. Dan jeħtieġ l-użu tal-istrumenti kollha disponibbli b'rispett sħiħ tat-Trattati tal-UE b'mod koerenti u kkoordinat.

Il-politika tal-kompetizzjoni, flimkien ma' għodod ta' politika rilevanti oħra tal-UE u dawk nazzjonali, se jkollha rwol importanti. Billi tiżgura kundizzjonijiet ġusti u kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku, tikkontribwixxi għal prezzijiet aktar baxxi, innovazzjoni aktar rapida, u ekonomija aktar reżiljenti. Dan jgħin biex l-Ewropa ssir aktar kompetittiva fl-ekonomija globali, b'mod partikolari fis-setturi aktar innovattivi u jappoġġja lill-UE fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. L-istess jgħodd għat-tranżizzjoni ġusta: id-dipendenza fuq swieq kompetittivi se tgħinna niksbu l-għanijiet tagħna aktar malajr, b'mod aktar ekwu u aktar effiċjenti, u b'hekk ħadd u l-ebda post ma jitħalla jibqa' lura.

Se naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u se ninvolvi ruħi fi djalogu miftuħ u strutturat, ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka. Se nkun trasparenti dwar ir-raġunament tal-politika, l-isfond ekonomiku u l-ħsieb ġenerali wara r-regoli tagħna u d-deċizzjonijiet tagħna. F'dan il-kuntest, nimpenna ruħi li nipparteċipa b'mod regolari fil-laqgħat tal-kumitati u fl-iskambji plenarji dwar suġġetti fil-portafoll tiegħi, kif ukoll li nieħu sehem personalment f'negozjati importanti tat-trilogu.

Flimkien mas-servizzi tiegħi, se nkun lesta nipparteċipa f'diskussjonijiet informali mal-Membri permezz tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kumitat u l-Laqgħat Miftuħa tal-Koordinaturi, organizzati mis-segretarjat rilevanti tal-Kumitati kif ukoll li jkolli djalogi bilaterali mal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Se nkompli nuża l-mezzi kollha disponibbli biex inżomm lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku infurmati u impenjati. Kwalunkwe proposta ta' politika sinifikanti se tkun soġġetta għal konsultazzjoni pubblika.

Ninsab fiduċjuża li se naħdmu flimkien f'atmosfera ta' fiduċja reċiproka sħiħa. Nagħtikom kelmti.

Il-President elett von der Leyen impenjat ruħha li l-Kummissjoni tagħna se ssegwi r-risoluzzjonijiet Parlamentari. Jiena naqbel kompletament ma' dan l-oġġettiv. Għal dan l-għan, se norganizza, fejn rilevanti, djalogu strutturat magħkom, biex niddiskuti kif nistgħu nibbutaw 'il quddiem kwalunkwe riżoluzzjoni tal-Artikolu 225 li taqa' taħt il-mandat tiegħi li l-istituzzjoni tiegħek tista' tadotta, u se niżgura li l-Kummissjoni twieġeb għal tali riżoluzzjonijiet fi żmien 3 xhur mill-adozzjoni tagħhom.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij

#### **Għajnuna mill-Istat**

*3. Inti għandek il-kompitu li tiżviluppa qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa. Kif biħsiebek issib il-bilanċ it-tajjeb bejn l-appoġġ għall-politika industrijali, iż-żamma ta' kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi? Tirrikonoxxi r-riskji ta' frammentazzjoni tas-suq uniku li jirriżultaw mill-ispazju fiskali diverġenti tal-Istati Membri? X'salvagwardji tara biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq u ekonomiji b'inqas kapaċitajiet fiskali?*

F'konformità mat-Trattati, l-għajnuna mill-Istat għandu jkollha l-għan li tindirizza l-fallimenti tas-suq u tevita l-kumpens żejjed, teskludi l-finanzjament privat u distorsjonijiet oħra tal-kompetizzjoni bla bżonn fis-Suq Uniku. Bħala Viċi President Eżekuttiv, se ninforza dawn il-prinċipji, filwaqt li niżgura trattament ugwali tal-Istati Membri kollha. Jien impenjata bis-sħiħ favur kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni Ewropea, li huma bażi għal tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva. F'dawn l-aħħar snin, il-politika dwar l-għajnuna mill-Istat ippermettiet lill-ekonomija Ewropea u lin-negozji tagħha jlaħħqu ma' kriżijiet suċċessivi. Evolviet ukoll b'mod konsiderevoli biex tkun allinjata mal-oġġettivi ta' politika tal-UE, inkluż t-trawwim tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u r-reżiljenza.

Fuq din il-baży, fl-aħħar mandat, il-Kummissjoni approvat aktar minn EUR 450 biljun f'għajnuna għall-enerġija u għall-ambjent mill-Istati Membri flimkien ma' madwar EUR 800 biljun f'għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija. Ir-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat diġà jipprovdu bosta possibbiltajiet biex jiġu appoġġjati l-ekoloġizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE li tintuża b'mod wiesa' mill-Istati Membri. Issa jeħtieġ li nimxu aktar 'il quddiem fl-infurzar tagħna u b'ritmu aktar mgħaġġel biex niksbu l-għanijiet komuni tagħna.

L-indirizzar tal-isfida tad-dekarbonizzazzjoni jirrikjedi li l-UE taġixxi flimkien, filwaqt li tisfrutta r-riżorsi kollettivi u l-ktajjen tal-valur Ewropej biex trawwem ekonomiji ta' skala għal tranżizzjoni kosteffiċjenti u xprunata mill-innovazzjoni u ġusta. Jien konvinta li s-Suq Uniku huwa l-aħjar assi tal-Ewropa. Ma nistgħux naffordjaw tiġrijiet għas-sussidji bejn l-Istati Membri, bi Stati Membri akbar u aktar sinjuri jimminaw lil dawk iżgħar u inqas sinjuri. Jeħtieġ li nipromwovu ekosistemi industrijali sostenibbli għall-benefiċċju tal-UE kollha, u rridu nkomplu

nrawmu l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni inqas żviluppati fl-UE billi nipprovdu inċentivi għal investimenti produttivi li jipromwovu l-koeżjoni Ewropea.

Is-simplifikazzjoni u t-tħaffif tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat se jkunu wkoll prijorità. Ma nistgħux naffordjaw ndewmu l-appoġġ pubbliku għat-tranżizzjoni tal-enerġija jew miżuri biex l-industrija Ewropea tiġi dekarbonizzata u ssir kompetittiva. F'dan l-ispirtu, u bħala parti mill-ittra ta' missjoni tiegħi, se niżviluppa qafas ġdid ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu għajnuna mill-Istat rapida u effettiva bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa. Dan il-qafas se jibbaża fuq l-esperjenza tal-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni u se jkun ibbażat fuq l-oġettivi li ġejjin: i) l-aċċellerazzjoni ulterjuri tal-introduzzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; ii) l-użu tad-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari għas-setturi intensivi fl-enerġija, u iii) l-iżguraw ta' kapaċità suffiċjenti ta' manifattura għal teknoloġija nadifa fl-Ewropa, speċjalment fejn hemm riskju li tali investimenti jiġu ddevjati lejn pajjiżi terzi minħabba s-sussidji disponibbli hemmhekk. B'dan il-mod, se niżgura li l-oġettivi ta' koeżjoni u l-integrità tas-Suq Uniku jiġu ppreżervati.

## Fużjonijiet

*4. X'bidliet jista' jinvolvi l-“approċċ ġdid għall-politika tal-kompetizzjoni”, u kif jista' jiġi allinjat aħjar mal-politika industrijali? Inti sodisfatta bis-sitwazzjoni attwali tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet? Inti favur il-possibbiltajiet tal-Kummissjoni li teżamina wkoll fużjonijiet taħt il-livell limitu tan-notifika? Kif se tipproteġi lill-innovaturi tagħna tal-UE minn akkwizzjonijiet li jeqirduhom jew akkwizzjonijiet ta' impriżi bbażati fl-UE minn intrapriżi tal-Istat ibbażati barra mill-pajjiż appoġġjati u ssussidjati mill-gvernijiet tagħhom b'modi li r-regoli tas-suq uniku tal-UE jipprojbixxu għall-entitajiet tal-UE?*

Fil-mandat preċedenti, diġà saret ħafna ħidma biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-kompetizzjoni (fużjoni, antitrust u kontroll tal-għajnuna mill-Istat) ikunu mmirati biex jipproteġu l-kompetizzjoni leali u li jkunu allinjati mal-oġettivi ta' ekonomija tal-UE ekoloġika, diġitali u reżiljenti. Il-Kummissjoni żiedet strumenti ġodda biex tindirizza l-isfidi emerġenti fis-Suq Uniku, b'mod partikolari l-gwardjani diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) u l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin (ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin). Iżda l-isfidi li qed tiffaċċja l-ekonomija tal-UE jitolbu aktar azzjoni. Dawn l-istrumenti l-ġodda jeħtieġ li jiġu implimentati bis-sħiħ. Il-kompetizzjoni u politiki oħra, bħall-politika industrijali, kummerċjali jew baġitarja, għandhom rwol komplementari fit-trawwim tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku fit-tul. Kif rikonoxxut mir-rapport ta' Draghi, ma hemm l-ebda kompetittività mingħajr kompetizzjoni effettiva f'ekonomija tas-suq. L-infurzar xieraq tal-politika tal-kompetizzjoni għandu jwassal għal aktar innovazzjoni u jista' jiżgura li l-politika industrijali Ewropea tkun aktar effiċjenti u effettiva billi tgħin biex jiġu stabbiliti l-inċentivi t-tajba.

Jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President Eżekuttiv, f'konformità mal-Linji Gwida Poliċi tal-President von der Leyen u l-ittra ta' missjoni tiegħi, se nimmodernizza aktar il-politika tal-kompetizzjoni, billi niffoka fuq tliet oġettivi ġenerali ewlenin.

L-ewwel nett, se nissimplifika u nħaffef il-proċessi b'mod sinifikanti biex ikunu effettivi fl-ambjent dinamiku attwali. Ma nistgħux naffordjaw ndewmu l-appoġġ pubbliku meħtieġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija li twassal għal prezzijiet orħos jew miżuri biex l-industrija Ewropea tiġi dekarbonizzata u tibqa' kompetittiva globalment. Hawnhekk, jeħtieġ li nissimplifikaw aktar il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Bl-istess mod, ma nistgħux naffordjaw investigazzjonijiet tal-antitrust twal bla bżonn li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom. Jeħtieġ li nsiru aktar effettivi billi nivvalutaw x'għandhom ikunu l-karatteristiċi ta' aġġornament possibbli tar-regoli proċedurali, abbażi tal-evalwazzjoni li għaddejjja tal-qafas proċedurali għall-investigazzjonijiet tal-antitrust. Tabilħaqq, dan huwa eżerċizzju li l-Parlament Ewropew għandu jkompli jkun involut fih mill-qrib. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li niżguraw li nkunu aġli biżżejjed biex ninforzaw il-politika tal-kompetizzjoni fir-realtà diġitali attwali. It-tranżizzjoni diġitali hija ċentrali biex jitkebbes mill-ġdid it-tkabbir tal-produttività fl-Ewropa u l-azzjoni f'waqtha biex jinżammu swieq miftuħa u li jiffunzjonaw tajjeb hija kruċjali kemm għall-atturi diġitali l-ġodda kif ukoll għad-diffużjoni ta' soluzzjonijiet diġitali fl-ekonomija tagħna kollha.

It-tieni, se naħdem biex insaħħaħ l-infurzar tal-kompetizzjoni u biex dan ikun immirat aħjar. Pereżempju, se niżgura li r-regoli tal-kompetizzjoni jiġu infurzati b'mod vigoruż u li l-azzjonijiet tagħna jkunu ffukati fuq l-aktar miżuri ta' għajnuna jew Prattiki kummerċjali distorsivi. Min-naħa l-oħra, se nipprovdi gwida bil-quddiem u nnaqqas il-burokrazija għall-Istati Membri biex jimplementaw miżuri pubbliċi mhux problematiċi u jkunu jistgħu jippermettu kooperazzjoni favur il-kompetizzjoni bejn in-negozji. Bl-istess mod, se nistinka għal infurzar vigoruż

tal-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA, Digital Markets Act), li jsawwar il-politika tal-Kummissjoni dwar dan l-istrument ġdid importanti, sabiex jinkisbu riżultati konkreti għan-negozji u l-utenti finali Ewropej.

It-tielet, se niżgura allinjament effettiv ulterjuri tal-politika tal-kompetizzjoni mal-prijoritajiet tal-UE. Dan naturalment jinkludi l-kontribut għall-Patt għal Industrija Nadifa għal ekonomija Ewropea sostenibbli u kompetittiva u l-approfondiment tas-Suq Uniku tagħna. Jinkludi wkoll il-promozzjoni tal-investimenti permezz ta' ħidma ma' Membri oħra tal-Kulleġġ biex jiġu allinjati l-kriterji li jippermettu l-kombinazzjoni tal-finanzjament privat, tal-UE u dak nazzjonali bl-aktar mod effiċjenti.

B'mod speċifiku fir-rigward tal-kontroll tal-fużjonijiet, l-UE tradizzjonalment addottat fehma favorevoli favur il-konsolidazzjoni tas-suq u l-benefiċċji li tista' tipprovdi – bl-eċċezzjoni ċara ta' meta l-konsolidazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari minħabba li twassal għal saħħa eċċessiva fis-suq, li tista' tagħmel ħsara lill-ekonomija kollha tal-UE, inklużi l-SMEs u naturalment lill-konsumaturi. Filwaqt li dan l-oġettiv bażiku li tiġi ostakolata l-akkumulazzjoni eċċessiva tas-saħħa fis-suq irid jibqa' fis-seħħ, il-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE jrid ikompli jevolvi biex ikopri l-ħtiġijiet u d-dinamika kontemporanji bħall-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni u r-reżiljenza. Għandhom jiġu kkunsidrati bidliet fl-iskala effiċjenti għal attivitajiet intensivi fl-investment, jew fl-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet ta' ditti rivali. Għandha titqies ir-rieda tal-klijenti li maż-żmien jikkunsidraw fornituri ġodda li żviluppaw prodotti f'reġjuni oħra, jew li jagħtu valur lil fornituri lokali aktar affidabbli u ta' min joqgħod fuqhom. Sabiex l-infurzar tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE jibqa' faċilitatur ewlieni għall-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE b'rispett sħiħ tat-Trattati, jeħtieġ adattament kontinwu inkluż meta dawn joperaw fis-swieq globali jew meta l-atturi globali jibdedw jippenetraw is-swieq Ewropej. Filwaqt li tali evoluzzjonijiet iseħħu b'mod sinifikanti permezz tal-prattika deċiżjonali, huwa essenzjali li l-qafas legali sottostanti jibqa' modern u adegwat għall-użu tiegħu.

Għalhekk, jien impenjata li nwettaq il-kompitu stabbilit fl-ittra ta' missjoni tiegħi li nimmodernizza l-politika tal-kompetizzjoni speċifikament għall-kontroll tal-fużjonijiet, billi ninvolvi ruħi f'rieżami tal-Linji Gwida dwar Fużjonijiet Orizzontali f'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi. L-għan tiegħi huwa li niżgura li l-kontroll tal-fużjonijiet jagħti l-importanza ġusta lill-ħtiġijiet tal-ekonomija tal-UE u jirrifletti l-oġettivi ġenerali tal-politika u r-realtajiet tas-suq, inklużi l-effiċjenzi possibbli. Dan se jkun rieżami fejn l-innovazzjoni, l-investment u r-reżiljenza jkunu fost il-muturi ewlenin.

B'mod parallel, jien determinata li nsib malajr l-aħjar mod biex niżgura li l-“akkwiżizzjonijiet predatorji” ta' kumpaniji fil-mira b'fatturat baxx jew mingħajr ebda fatturat iżda b'potenzjal kompetittiv u innovattiv ħafna, ma jevitawx l-iskrutinju skont ir-regoli tal-UE dwar il-fużjonijiet, sempliċiment minħabba li ma jissodisfawx il-limiti ta' notifika bbażati fuq il-fatturat. Dan huwa kruċjali biex jiġu protetti l-innovazzjoni u l-kompetittività futura fl-UE. Għal dan l-għan, se nesplora l-għażliet kollha mingħajr ma noħloq piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn jew inċertezza legali għall-kumpaniji.

Separatament, se ninforza b'mod rigoruż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin biex niproteġi s-Suq Uniku minn sussidji distorsivi minn pajjiżi mhux Ewropej, speċifikament il-parti ta' dik il-leġiżlazzjoni li tapplika għall-konċentrazzjonijiet. B'dan il-mod, se nistinka għal kundizzjonijiet ekwi globali għall-kumpaniji Ewropej, flimkien ma' Membri oħra tal-Kulleġġ u Stati Membri responsabbli għal għodod oħra bħall-iskrinjar tal-investment dirett barrani u l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ.

## **Ir-Rapport ta' Draghi**

*5. Se tiegħu passi biex tiżviluppa “Għodda Ġdida għall-Kompetizzjoni”, kif propost fir-Rapport ta' Draghi, biex tindirizza l-problemi strutturali tal-kompetizzjoni, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lil kategoriji sensitivi ta' konsumaturi? Liema proposti oħra tal-kompetizzjoni fir-Rapporti ta' Letta u ta' Draghi tappoġġja biex jiġu implimentati? X'għandu jkun ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni biex tindirizza d-dinamika inflazzjonarja?*

Kemm ir-rapporti ta' Letta kif ukoll ta' Draghi jenfasizzaw l-importanza tal-approfondiment tas-Suq Uniku għall-kompetittività tal-UE billi titrawwem il-kompetizzjoni u jinżammu kundizzjonijiet ekwi. Nappoġġja bis-sħiħ l-għan urġenti li jiġi approfondit is-Suq Uniku, inkluż fir-rigward ta' setturi strateġiċi ewlenin, biex tiżded l-iskala. U naqbel bis-sħiħ mal-fehma li d-dgħjufija tar-regoli tal-kompetizzjoni ddgħajjed wkoll il-muturi tat-tkabbir, tal-investment u tal-kompetittività Ewropea. Jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President Eżekuttiv, se niffoka fuq l-immodernizzar u t-tisħiħ tal-infurzar tal-kompetizzjoni, f'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi u nqis bir-reqqa wkoll ir-rakkomandazzjonijiet taż-żewġ rapporti.

Il-proposta għal “Għodda Ġdida tal-Kompetizzjoni” mir-rapport tal-Professur Draghi titfa' dawl fuq il-problemi strutturali f'ċerti swieq li jistgħu jagħtu lok għal tħassib, pereżempju, fir-rigward ta' kollużjoni taċita, vulnerabbiltà

tal-konsumatur jew dipendenzi eċċessivi, mingħajr ma tinvolvi ksur ċar tar-regoli tal-kompetizzjoni. Nemmen li din jistħoqilha riflessjoni fil-fond dwar kif studju tas-suq u mekkaniżmu ta' investigazzjoni ġodda jistgħu jidentifikaw problemi bħal dawn f'oqsma speċifiċi, u kif jista' jsovlhom b'mod utli u b'mod effiċjenti fir-riżorsi, f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-suq rilevanti u b'mod komplementari għall-għodod eżistenti tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE u nazzjonali, kif imsaħħa reċentement mill-Att dwar is-Swieq Diġitali u r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin. Il-parametru referenzjarju għal kwalunkwe "Għodda Għida tal-Kompetizzjoni" għandu jkun kapaċi jagħti riżultati b'mod effettiv u la jdgħajjef l-infurzar kontra l-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni eżistenti u lanqas ma jdgħajjef materjalment il-prevedibbiltà għan-negozji.

Fl-aħħar nett, għalkemm l-infurzar tal-kompetizzjoni bħala tali mhux għodda kontra l-inflazzjoni, u ma jstax jindirizza direttament l-ixprunaturi tal-inflazzjoni bħall-iskarsezza jew iż-żidiet fid-domanda, jista' jiżgura li l-operaturi tas-suq ma jiddux vantaġġ minn sitwazzjonijiet ta' xokk biex jgħollu l-prezzijiet aktar mil-livelli mill-livelli kompetittivi jew biex iżommu l-prezzijiet artifiċjalment għoljin meta ċ-ċirkostanzi tas-suq jerġgħu lura għan-normal, u l-prezzijiet kellhom jerġgħu jonqsu. Billi trawwem swieq kompetittivi u kontestabbli, il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tista' tgħin biex tipprevjeni żidiet fil-prezzijiet jew tiffaċilita t-tnaqqis fil-prezzijiet. Dan huwa rilevanti għas-swieq ewlenin li huma mhedda minn dipendenza żejda fuq fornitur wieħed jew ftit. Jekk niġi kkonfermata fir-rwol tiegħi, beħsiebni nagħti attenzjoni sħiħa lil sitwazzjonijiet bħal dawn.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

*6. X'passi konkreti se tiegħu biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-acquis ambjentali u tal-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġiżlazzjoni "Lesti għall-mira ta' 55 %"? Kif se timplimenta dan il-kompitu "bl-aktar mod sempliċi u ġust u fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati kollha" kif iddikjarat fl-ittra ta' missjoni tiegħek, filwaqt li tiżgura l-kompetittività, u tqis ukoll is-sitwazzjoni speċifika tal-SMEs, u tiżgura tranżizzjoni ġusta? Liema lakuni pendent u liema inkonsistenzi jew duplikazzjonijiet regolatorji għadek tara fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-politiki relatati, u x'azzjonijiet konkreti se tiegħu biex tindirizzahom?*

Matul l-aħħar mandat, il-Kummissjoni ressqet qafas legali bla preċedent biex tpoġġi lill-UE fit-triq lejn in-neutralità klimatika sal-2050. L-adozzjoni ta' qafas ambizzjuż bħal dan, fil-kuntest ta' kriżijiet globali bħall-pandemija tal-COVID-19 u t-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna hija xhieda tal-impenn Ewropew li jsir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mill-qrib mal-Membri tal-Kulleġġ rilevanti biex nimmonitorjaw b'mod regolari l-implimentazzjoni biex niżguraw li nnettqu l-oġġettivi stabbiliti. Din se tkun ikkomplementata bi djalogi ta' implimentazzjoni li jibnu fuq l-esperjenza pożittiva li ksibna s'issa aħna u nitkellmu mal-partijiet ikkonċernati f'approċċ tal-katina tal-valur, inklużi r-reġjuni u l-komunitajiet lokali u s-sħab finanzjarji u soċjali. Fejn meħtieġ, nistgħu nħejju gwida, u azzjonijiet ta' infurzar fejn xieraq. Beħsiebni nikkoopera mill-qrib mal-Kummissarju għall-Ekonomija u għall-Produttività, għall-Implimentazzjoni u għas-Simplifikazzjoni biex nissorvelja t-testijiet tal-istress tal-acquis tal-UE fil-qasam tar-responsabbiltà tiegħi. F'dan il-kuntest, se nkunu qed ninvolvu ruħna mal-partijiet ikkonċernati biex nidentifikaw lakuni, inkonsistenzi, u piż regolatorju bla bżonn.

Se naħdem mill-qrib mal-Istati Membri fil-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs, National Energy and Climate Plans), li huma ċentrali għat-twettiq fil-prattika tal-miri tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" li jindikaw lakuni fl-implimentazzjoni tal-qafas mill-Istati Membri.

Għall-politiki ambjentali, se ninvolvi ruħi mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex nidentifika l-oqsma ewlenin li jeħtieġu riformi strutturali biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità persistenti. Se nisma' lill-Istati Membri, lir-reġjuni, liċ-ċittadini u lin-negozji biex nibni l-fiduċja u niżgura li l-liġijiet jipproduċu riżultati għaċ-ċittadini. Se nfittex miżuri biex insaħħa il-kapaċità amministrattiva fil-livelli kollha – nazzjonali, reġjonali u lokali – u nappoġġja lil dawk inkarigati mill-implimentazzjoni biex jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin. Għalkemm il-prevenzjoni aħjar mill-kura, flimkien mal-Kummissarji rilevanti, mhux se noqogħdu lura milli nużaw ukoll il-proċeduri ta' ksur fil-ħidma tagħna. Se niffokaw fuq problemi strutturali u sistemiċi ta' nuqqas ta' konformità fejn l-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni għandha l-aktar valur miżjud. B'mod partikolari, se niżguraw li d-Direttivi tal-UE jiġu trasposti bis-sħiħ u b'mod korrett.

Barra minn hekk, jekk niġi kkonfermata se nagħti attenzjoni partikolari lil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni u delegata li jmiss. L-evitar ta' piż amministrattiv bla bżonn, ir-rispett tal-prinċipju ta' "rapport ta' darba biss" u n-nuqqas ta' duplikazzjoni tar-reqwiziti ta' rapportar se jkunu punti ewlenin li għandhom jiġu mmonitorjati. Is-simplifikazzjoni tfisser it-titjib tal-politiki Ewropej u t-twettiq tal-għanijiet ta' politika bl-inqas piż possibbli u bl-aktar mod kosteffettiv possibbli, li jirrikjedi politiki koerenti u ta' appoġġ reċiproku. M'hemmx għalfejn ngħidu, l-atti il-ġodda għandhom ikunu eżempji ta' leġiżlazzjoni sempliċi, rapida u effettiva.

Biex nilħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali għall-2030, se naħdem id f'id mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali u l-Kummissarji li jaħdmu taħt il-gwida tiegħi biex inressaq proposti u inizjattivi ġodda magħżula, inklużi dawk relatati mal-Patt għal Industrija Nadifa, l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-De karbonizzazzjoni Industrijali, il-pakkett għall-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi u l-krediti tan-natura biex insemmi xi wħud.

*7. Liema azzjonijiet speċifiċi se ttipponi biex tiżgura approċċ koerenti lejn tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, u kif tara r-rabtiet bejn dawn it-tliet aspetti tal-portafoll tiegħek? X'azzjonijiet speċifiċi ġodda qed tippjana li ttipponi bħala qafas ta' abilitazzjoni biex tappoġġja l-ilhūq tal-miri klimatiċi, inkluż bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa u li jkopru s-setturi kollha tal-ekonomija? Kif qed tippjana li toħloq ambjent regolatorju u ta' investiment aktar simplifikat u ta' appoġġ biex tħeġġeġ l-investiment u l-innovazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima, kif ukoll l-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa, u fl-istess ħin tiżgura tranżizzjoni ġusta għal kulħadd? X'tip ta' miżuri se ttipponi biex timmobilizza l-investimenti meħtieġa għal din it-tranżizzjoni, inkluż għall-SMEs, biex tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti, b'mod partikolari n-negozji, il-ħaddiema u l-unitajiet domestiċi? X'inhil l-pożizzjoni tiegħek dwar l-emenda mmirata tar-regolament li jstabilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet?*

It-tranżizzjoni ekoloġika toffri opportunitajiet sinifikanti ta' tkabbir għall-ekonomija Ewropea u l-UE wriet li l-PDG jista' jżied filwaqt li l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> jonqsu. Madankollu, din it-tranżizzjoni tippreżenta wkoll sfidi u incertezzu għal ħafna setturi u ħaddiema. Jekk niġi kkonfermata, se nikkollabora mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza biex niżgura li l-inizjattivi tagħna jkunu allinjati sew u li s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni jaħdmu id f'id biex it-tranżizzjoni nadifa tal-Ewropa tirnexxi, u b'hekk ħadd u l-ebda post ma jitħalla jibqa' lura. F'konformità mal-oġġettivi legali tiegħu, l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima għandha tappoġġja lil dawk l-aktar vulnerabbli.

Fir-rigward tal-Patt għal Industrija Nadifa biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE u titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa, beħsiebni naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali. Il-Patt għal Industrija Nadifa jeħtieġ li jkun komprensiv u jgħaqqad l-għodod tal-UE għall-prospertà, il-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni, u l-ekwità soċjali, filwaqt li jibni sinerġiji bejniethom. Il-Patt għal Industrija Nadifa se jiffoka fuq it-tisħiħ tal-argument għall-vijabbiltà għad-dekarbonizzazzjoni u l-appoġġ għall-industrija fl-isforzi tagħha għall-innovazzjoni u l-espansjoni. Dan se jippreżenta sett ta' inizjattivi li fost l-oħrajn għandhom fil-mira tagħhom is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, l-istabiliment ta' qafas għall-iżvilupp ta' swieq ewlenin, u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għat-tranżizzjoni. Dan se jimmaniġġja b'mod adegwat l-impatt soċjali tad-dekarbonizzazzjoni permezz ta' żewġ komponenti: it-tranżizzjoni ġusta (livell territorjali/reġjonali) u t-tranżizzjoni ekwa (kwistjonijiet ta' distribuzzjoni usa' tal-politika dwar il-klima). Se niżviluppaw Pjan ta' Azzjoni għall-prezzijiet tal-enerġija affordabbli għall-kumpaniji u l-unitajiet domestiċi, filwaqt li nqisu l-komponenti kollha tal-prezzijiet tal-enerġija (inkluż it-tassazzjoni fuq l-enerġija nadifa u s-swieq finanzjarji għall-komoditajiet tal-enerġija), biex nindirizzaw wieħed mill-iżvantaġġi kompetittivi ewlenin tal-UE, kif ukoll l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-De karbonizzazzjoni Industrijali li jiffoka fuq l-industriji intensivi fl-enerġija. Dan l-Att se jappoġġja l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-diffużjoni tat-teknoloġija nadifa Ewropea fl-industrija u se jħaffef il-proċessi tal-ippjanar, tal-offerti u tal-permessi, b'mod partikolari għall-industriji intensivi fl-enerġija. Is-Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa se jsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-pajjiżi sħab għal benefiċċju reċiproku. Dan se joħloq qafas li jwassal biex jittieħdu d-deċiżjonijiet ta' investiment t-tajba biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE. F'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, u kif stabbilejt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 3, se niżviluppa wkoll qafas ġdid ta' għajjnuna mill-Istat biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu għajjnuna mill-Istat rapida u effettiva, filwaqt li jiġi evitat kumpens żejjed, jiġi eskluż il-finanzjament privat u distorsjonijiet mhux dovuti oħra tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku. Il-Patt għal Industrija Nadifa għandu joħloq il-kundizzjonijiet it-tajba biex (i) ibiddel l-istrateġija ta' dekarbonizzazzjoni tagħna f'sors ta' tkabbir u ta' impjegji ta' kwalità, (ii) jgħin lill-kumpaniji jkunu kompetittivi globalment fis-setturi tat-teknoloġija nadifa u (iii) iċ-ċittadini jibbenefikaw mit-tranżizzjoni. Politika industrijali Ewropea teħtieġ djalogu soċjali u responsabbiltà konġunta tan-negozji.

L-Istati Membri għandhom is-sisien għal ekonomija tal-UE kompetittiva ħafna, iżda biex tiġi indirizzata l-isfida tad-dekarbonizzazzjoni, l-UE trid taġixxi flimkien u mhux bħala 27 Stat Membru separat, filwaqt li tisfrutta l-kapaċitajiet kollettivi biex tikseb ekonomija ta' skala, innovazzjoni u biex it-tranżizzjoni ssir kosteffiċjenti.

Kif deskritt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 5, se naħdem ukoll mill-qrib mal-Istati Membri biex niżgura li jiffinalizzaw il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom malajr kemm jista' jkun. Dawn se jikkontribwixxu għall-proposta għal mira klimatika għall-2040.

L-implimentazzjoni tal-qafas legali eżistenti se teħtieġ kontribuzzjoni sinifikanti minn fondi privati. Se naħdem fil-Kulleġġ biex niżviluppa l-aktar kombinazzjoni kosteffiċjenti ta' fondi privati, nazzjonali u tal-Unjoni għal impatt akbar biex tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni se tressaq ukoll Fond Ewropew għall-Kompetittività ġdid biex tiżgura li ninvestu fl-innovazzjoni u t-teknoloġiji li se jswawru l-ekonomija tagħna u jixprunaw it-tranżizzjonijiet tagħna, inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika. F'konformità mal-ittra ta' missjoni, dan għandu jkun marbut mal-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs, Important Projects of Common Interest) u jappoġġjahom.

Fir-rigward tar-regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għall-karrozzi u l-vannijiet, dan huwa parti ewlenija biex l-UE twestaq il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Huma meħtieġa politiki ambizzjużi biex jiġi żgurat tnaqqis rapidu u suffiċjenti fl-emissjonijiet mis-setturi kollha, inkluż it-trasport. F'dan il-kuntest, l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għall-karrozzi u l-vannijiet ġodda jistabbilixxu miri ċari mill-2030 'il quddiem, u mira ta' tnaqqis ta' 100 % mill-2035 'il quddiem. Irid ikun hemm disponibbli l-elettrifikazzjoni u l-fjuwils nodfa. Kif iddikjarat fil-Linji Gwida Politiċi: *"l-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050 se tirrikjedi firxa wiesgħa ta' teknoloġiji innovattivi, f'oqsma mill-mobbiltà sal-enerġija. Pereżempju, il-mira tan-newtralità klimatika għall-2035 għall-karrozzi toħloq prevedibbiltà għall-investituri u għall-manifatturi. Il-kisba ta' dan se tirrikjedi approċċ teknoloġikament newtrali, li fih l-e-fjuwils ikollhom rwol permezz ta' emenda mmirata tar-regolament bħala parti mir-rieżami previst"*. Dan huwa enfasizzat ukoll fl-ittra ta' missjoni lill-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif.

*8. Kif se tiżgura koordinazzjoni effettiva mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u l-Istrateġija Industrijali, kif ukoll mal-Kummissarji li jaħdmu taħt il-gwida tiegħek, biex twestaq il-kompiti msemmija fl-ittra ta' missjoni tiegħek? Liema inizjattivi konkreti se tipproponi fir-rigward tal-mira klimatika għall-2040, tal-ambjent, tal-ekonomija ċirkolari nadifa, u tat-tranżizzjoni ġusta? Kif se tiżgura l-koerenza bejn it-tranżizzjoni nadifa u l-kisba tal-miri klimatiċi u tal-bijodiversità minn naħa, u l-politika tal-kompetizzjoni min-naħa l-oħra?*

Jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President Eżekuttiv, se niżgura koordinazzjoni effettiva mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u għall-Istrateġija Industrijali, kif ukoll mal-Kummissarji rilevanti, biex inwettagħ il-kompiti msemmija fl-ittra ta' missjoni tiegħi. Sabiex nikseb dan, se nistabbilixxi laqgħat regolari mal-Kummissarji u l-istaff biex nittraċċaw il-progress, nallinjaw l-objettivi, u nrawmu l-kooperazzjoni, filwaqt li nisfruttaw l-għarfien espert tas-servizzi tal-Kummissjoni. Se norganizza wkoll djalogi regolari mal-partijiet ikkonċernati, mill-industrija sal-awtoritajiet lokali, u mill-finanzi sal-konsumaturi, biex nivvaluta l-progress. Se nfittex sħubija mill-qrib u fdata mal-Parlament Ewropew u l-kumitati u l-membri rilevanti tiegħu, kif ukoll mal-Kunsill u l-Istati Membri, li kollha kemm huma jeħtieġ li jaħdmu flimkien.

Fir-rigward tal-mira klimatika għall-2040, li hija indirizzata f'aktar dettall fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 9, se nibbaża ruħi fuq is-sejbiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata li takkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika rakkomandata għall-2040. Din il-valutazzjoni tenfasizza l-ħtieġa li s-setturi kollha għandhom jikkontribwixxu għall-mira klimatika għall-2040 b'mod ibbilanċjat u kosteffiċjenti. Madankollu, il-pass tad-dekarbonizzazzjoni f'kull settur jiddependi fuq id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet mingħajr karbonju.

Biex inwettagħ il-perkors għan-newtralità klimatika u l-Patt għal Industrija Nadifa, se naħdem ma' Membri oħra tal-Kulleġġ biex niżgura l-koerenza bejn il-politiki, inkluż l-aċċess għall-enerġija nadifa, l-oportunitajiet ta' finanzjament, il-ħolqien tas-suq ewleni, il-politika kummerċjali, il-politika tal-kompetizzjoni, il-politiki tal-ekonomija ċirkolari, kif ukoll il-politiki dwar il-klima u t-tassazzjoni.

L-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari se jkun ukoll komponent ewleni tal-isforzi tagħna biex niddekarbonizzaw l-ekonomija u nappoġġjaw il-kompetittività industrijali. Dan l-att se jippromwovi xejra ta' produzzjoni aktar sostenibbli billi jagħmel il-materjali sekondarji aktar attraenti. Wara s-suċċess tagħna fid-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mill-emissjonijiet, issa jmiss diżakkoppjament mill-użu tar-riżorsi primarji. Il-promozzjoni ta' ċirkolarità se testendi wkoll għall-iżvilupp ta' qafas regolatorju biex tingħata spinta lil użu aktar ċirkolari tal-karbonju, jiġu ġġenerati l-assorbimenti tal-karbonju u jintuża mill-ġdid il-karbonju fl-ekonomija tal-UE b'mod sostenibbli.

Beħsiebni naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali dwar il-pakkett għall-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi biex niżgura simplifikazzjoni u proċeduri aktar rapidi.

Se nikkoordina wkoll il-ħidma fuq l-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma fit-territorju kollu tal-UE u f'setturi ekonomiċi differenti. Il-fokus ewlieni se jkun l-aċċessibbiltà tal-ilma nadif għal kulħadd bħala parti mill-aġenda ta' tranżizzjoni ġusta, kif ukoll l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-kompetittività tal-industriji relatati mal-ilma.

Fir-rigward tal-ġestjoni tal-art, viżjoni olistika tista' twassal għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll għall-ħolqien ta' agrikoltura aktar reżiljenti għall-klima, filwaqt li tittejjeb ir-reżiljenza tar-rendiment, tissaħħaħ il-bijodiversità u tingħata spinta lis-saħħa tal-ħamrija. Din il-viżjoni għandha wkoll l-għan li tintegra aktar il-bioekonomija tal-UE fiċ-ċirkolarità.

Kif iddeskrivejt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 16, foresti b'saħħithom u reżiljenti biss se jkunu jistgħu jipproduċu l-bijomassa meħtieġa f'ekonomija newtrali għall-klima, u fl-istess ħin jipprovdu s-servizzi tal-ekosistema indispensabbli, bħall-assorbimenti tal-karbonju u l-bijodiversità. Fl-ambitu tal-Qafas ta' Ċertifikkazzjoni għall-Assorbiment tal-Karbonju, se naħdem mal-kollegi tiegħi biex niżviluppa metodoloġiji li jirrikonoxxu l-użi sostenibbli tal-bijomassa, u biex nintegra dawn l-inizjattivi fl-iżvilupp tal-Istrateġija dwar il-Bioekonomija.

Fl-aħħar nett, is-sħana estrema, in-nixfa, in-nirien fis-selvaġġ, u avvenimenti ta' temp vjolenti oħra huma amplifikati mit-tibdil fil-klima u se jsiru aktar frekwenti u distruttivi. Jekk dan ma jitqiesx fl-għażliet ta' politika tagħna, il-kompetittività tispiċċa tidgħajjef u ssir ħsara lill-koeżjoni soċjali. Din hija r-raġuni għaliex se naħdem mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif fuq Pjan Ewropew ġdid ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima biex tiġi protetta l-infrastruttura kritika tat-trasport u tal-katina tal-provvista, kif ukoll l-inputs kapitali naturali mir-riskji klimatiċi.

Parti ewlenija mir-responsabbiltajiet tiegħi jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President Eżekuttiv se tkun li nikkombina l-oġettivi tal-klima u tal-bijodiversità mal-kompetittività. Dan jeħtieġ prevedibbiltà biex isir negozju fl-Ewropa u lil hinn minnha, approċċ strateġiku, appoġġ u inċentivi bbażati fuq is-suq, kif indikajt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 7.

Fir-rigward tal-koerenza mal-politika tal-kompetizzjoni: L-ewwel nett, ippermettuli nissottolinja li f'konformità mat-Trattati tal-UE, ninsab impenjata għal trattament indipendenti u imparzjali ta' każijiet individwali ta' kompetizzjoni, b'rispett sħiħ għall-integrità u l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet. Madankollu, il-politika tal-kompetizzjoni hija, naturalment, parti mill-ġhodod tal-Unjoni Ewropea. Jekk niġi kkonfermata fir-rwol tiegħi, se niżgura li l-politika tal-kompetizzjoni tikkontribwixxi, flimkien ma' ġhodod oħra ta' politika, biex jintlaħqu oġettivi ġenerali, bħat-tranżizzjoni nadifa, inklużi l-miri tal-klima u tal-bijodiversità. Ir-regolamentazzjoni u l-infurzar tal-kompetizzjoni jridu jaħdmu id f'id u jsaħħu lil xulxin b'mod koerenti. Pereżempju, fil-pasat, l-infurzar tal-kompetizzjoni skatta u kkomplementa inizjattivi regolatorji f'ħafna oqsma li japprofondixxu s-Suq Uniku, u huwa essenzjali li l-proposti regolatorji jkunu infurmati minn politika tal-kompetizzjoni soda. Huwa għal din ir-raġuni li nara ħafna sinerġiji bejn id-diversi oqsma tal-portafoll tiegħi b'rispett sħiħ tat-Trattati.

#### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

9. *X'inhi l-viżjoni tiegħek għall-portafoll tiegħek lil hinn mill-ittra ta' missjoni tiegħek u x'tixtieq li jkun il-legat tiegħek? Liema proposti leġiżlattivi u inizjattivi oħra se tissuġġerixxi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji għall-adozzjoni fil-ħames snin li ġejjin u b'mod partikolari fl-ewwel 100 jum? Kif se tiżgura li dawn il-proposti, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, isaħħu l-kompetittività Ewropea? Biħsiebek tibbaża daww il-proposti leġiżlattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt iddedikati? X'miżuri oħra se tipproponi biex tiżgura tranżizzjoni nadifa, soċjali, ġusta u kompetittiva, b'mod partikolari fis-setturi l-aktar milquta? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek b'mod partikolari għall-Patt għal Industrija Nadifa? Kif qed tippjana li tiggwida l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-qafas legali eżistenti biex jintlaħqu l-miri tal-2030 u tħejji, ladarba tiġi adottata l-mira għat-maqqis tal-emissjonijiet għall-2040, arkitettura ġdida biex jintlaħqu emissjonijiet zero netti sal-2050, filwaqt li tiżgura l-istabbiltà u l-prevedibbiltà għall-kumpaniji u l-investituri Ewropej, it-maqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u l-kompetittività? X'miżuri abilitanti se tipproponi biex tgħin lill-kumpaniji tal-UE jilħqu l-mira ta' emissjonijiet zero netti? X'miżuri tipprevedi biex jingħalaq id-distakk annwali fl-investment privat u pubbliku ta' madwar EUR 800 biljun identifikat fir-Rapport ta' Draghi inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività? Kif biħsiebek issaħħaħ il-parteciġazzjoni taċ-ċittadini fil-ħidma tiegħek?*

Jekk niġi kkonfermata, l-enfasi tal-mandat tiegħi se tkun l-għaqda tal-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni biex it-tranżizzjoni nadifa tinbidel f'sors ta' tkabbir u prosperità għall-UE. L-UE trid tistinka għal tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva li tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha, filwaqt li tiżgura li s-swieq jaħdmu aħjar għall-konsumaturi u n-negozji Ewropej kif ukoll għall-pjaneta. L-Ewropa għandha tibqa' destinazzjoni ewlenija għall-opportunitajiet ta' investimenti li jġibu impjegi ta' kwalità stabbli u validi għall-futur, b'ekosistema industrijali b'saħħitha. Se nikkordina l-aġenda tad-dekarbonizzazzjoni mal-Membri rilevanti tal-Kulleġġ u se nsegwi politika tal-kompetizzjoni li tallinja mal-għanijiet komuni tal-UE, filwaqt li niżgura kundizzjonijiet ekwi. F'kull pass, se naħdem fi sħubija mal-industrija, is-sħab soċjali, inkluż fir-reġjuni u l-komunitajiet lokali, u l-partijiet ikkonċernati kollha. Nemmen li d-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività huma objettivi inseparabbli u kollha jridu jinkisbu b'mod ġust.

Ir-Rapport ta' Draghi jagħmel enfasi qawwija li i-dekarbonizzazzjoni tista' tkun mutur tal-kompetittività jekk il-politiki kollha jkunu allinjati sew. Dan ifisser li jeħtieġ li niżguraw li l-politiki tagħna jiffasslu biex jisfruttaw is-sinerġiji u jevitaw l-inkonsistenzi. Irridu nappoġġjaw lill-industrija tagħna biex tiddekarbonizza permezz tal-innovazzjoni, filwaqt li nbiddu t-tranżizzjoni f'vantaġġ kompetittiv. M'aħniex se niżguraw il-kompetittività fit-tal-Ewropa jekk ma nitbegħdux lil hinn mill-fjuwils fossili importati u nimxu lejn ekonomija nadifa, kompetittiva u ċirkolari. U dan għandu jsejtni b'mod urġenti. Se niżgura li naġixxu fuq il-lievi prinċipali kollha li huma għad-dispożizzjoni tagħna biex immexxu 'l quddiem it-tranżizzjoni nadifa: it-titjib fl-ambjent kummerċjali; il-mobilizzazzjoni ta' investment pubbliku-privat; it-tnaqis fil-prezzijiet tal-enerġija. Meta naġixxi fuq daww il-lievi, se niżgura li l-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tar-Regolamentazzjoni Aħjar jiġu rispettati, anke permezz ta' konsultazzjonijiet wiesgħa, valutazzjonijiet tal-impatt, u b'mod speċifiku billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs u tal-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

Biex nilħqu l-miri klimatiki tagħna, il-punt tat-tluq huwa l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni eżistenti li jtnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030. Fl-istess ħin, jeħtieġ li nipprovdu trajettorja aktar fit-tul għat-tranżizzjoni nadifa. F'dan ir-rigward, se nappoġġja lill-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif fit-tnejn ta' propożta leġislativa għall-mira klimatika għall-2040 dalwaqt fil-mandat il-ġdid. Ladarba jintlaħaq qbil dwar il-mira għall-2040, din se tkun il-bażi tal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC, Nationally Determined Contribution) li jmiss tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi. Fit-tnejn ta' qafas klimatiku għal wara l-2030, se niżgura li tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata l-kosteffiċjenza, tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-UE kif ukoll biex tkun tista' ssir tranżizzjoni ġusta.

Se naħdem mill-qrib mal-kollegi tiegħi fuq il-Patt għal Industrija Nadifa biex niffaċilita d-dekarbonizzazzjoni u nsaħħaħ il-kompetittività, kif iddeskrivejt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 7. Fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, se nressaq propożti biex nissimplifika u l-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni u biex dan ikun immirat aħjar u niżgura l-allinjament mal-prijoritajiet tal-UE, kif semmejt fit-tweġiba għall-mistoqsija 4.

Ir-rekwiżiti ta' finanzjament għad-dekarbonizzazzjoni industrijali huma investment konsiderevoli iżda meħtieġ għall-kompetittività fit-tul u wkoll meta mqabbla mal-kostijiet tan-nuqqas ta' azzjoni. Il-finanzjament privat se jkopri u għandu jkopri l-biċċa l-kbira tal-ħtiġijiet. Sabiex niksbu dan, irridu: (i) napprofondixxu s-swieq kapitali privati kif issuġġerit kemm fir-rapport ta' Letta kif ukoll f'dak ta' Draghi; (ii) inżidu l-finanzjament sostenibbli, speċjalment il-finanzjament tat-tranżizzjoni, u (iii) niżguraw il-bankabbiltà tal-investimenti tad-dekarbonizzazzjoni. Il-fondi pubbliċi għandhom jinċentivaw l-investimenti privati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet sostanzjali tal-industrija Ewropej. L-Istati Membri għandhom kapaċitajiet fiskali differenti u b'hekk l-kontroll tal-għajnuna mill-Istat huwa kruċjali tal-għajnuna mill-Istat kruċjali għall-kompetizzjoni ġusta u l-koeżjoni fl-Unjoni filwaqt li jippermettu l-kisba tal-objettivi tal-politika pubblika.

L-implimentazzjoni stabbli tal-politiki u r-rekwiżiti legali eżistenti tagħna hija kruċjali biex il-finanzjament privat jinbidel f'investment privat reali. Se nfttex li noħloq opportunitajiet biex nikkumbinaw b'mod aktar effettiv il-fondi privati, il-fondi nazzjonali u l-fondi tal-Unjoni biex niksbu l-iskala ta' finanzjament meħtieġa għall-isfida tad-dekarbonizzazzjoni. Il-baġit tal-UE huwa wieħed mill-katalisti ewlenin għall-kompetittività Ewropea u se naħdem ma' Membri rilevanti oħra tal-Kulleġġ biex niżgura li l-investment ikun immirat lejn infrastruttura u prijoritajiet Ewropej b'emissjonijiet żero netti. Il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss se jipprovdi opportunità biex dawn l-isforzi jiġu appoġġjati aktar billi tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta. Kif hemm miktub fil-Linji Gwida politiċi tal-Kulleġġ il-ġdid, il-Kummissjoni se tippreżenta Fond Ewropew għall-Kompetittività ġdid bħala parti mill-propożta tagħna għal baġit ġdid u msaħħaħ fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. F'konformità mal-ittra ta' missjoni, dan għandu jappoġġja l-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs). Dan il-Fond se jinvesti f'teknoloġiji strateġiċi – inkluża t-teknoloġija nadifa – u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex jiġi żgurat li niżviluppaw teknoloġiji strateġiċi u nimmanifatturawhom hawnhekk fl-Ewropa. It-fassil tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività futur jinsab

quddiemna. Ir-riflessjoni tagħna teħtieġ li tibda bil-ħsieb ta' "xi rridu niffinanzjaw" u tissokta fuq "kif" nistgħu nilħqu l-oġġettivi tagħna b'mod kosteffiċjenti u nimassimizzaw ir-riżultati fil-prattika. B'hekk, il-finanzjament tagħna jkun jista' jħalli impatt akbar. Se nużaw is-setgħa tal-baġit tagħna biex nisfruttaw u nnaqqsu r-riskju tal-investment privat fl-għanijiet komuni tagħna.

Bħala politika trasversali b'saħħitha, flimkien ma' għodod ta' politika rilevanti oħra l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-oġġettiv ġenerali li sal-2050 issir ekonomija kompetittiva u reżiljenti newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għal dan l-għan, neħtieġu aktar kompetizzjoni fuq il-parametri rilevanti kollha, mhux inqas. Jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President Eżekuttiv, se nimmodernizza aktar il-politika tal-kompetizzjoni biex niżgura li din tibqa' faċilitatriċi għall-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE, filwaqt li nistinka biex inħares l-istat tad-dritt u l-prinċipju tat-trattament ugwali.

*10. Temmen li r-regoli attwali dwar l-għajnuna mill-Istat jiżguraw biżżejjed kompetizzjoni ġusta madwar l-Unjoni? Kif għandek l-għan li tiżgura li l-approċċ il-ġdid għall-politika tal-kompetizzjoni u l-qafas il-ġdid tal-għajnuna mill-Istat jipprovvu l-introduzzjoni ta' enerġija nadifa u rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, l-investimenti industrijali u kapaċità suffiċjenti ta' manifattura ta' teknoloġija nadifa, filwaqt li jlimitaw ukoll id-dipendenzi esterni, isaħħu l-kompetittività tal-UE u jipproteġu l-industrija Ewropea minn kompetizzjoni inġusta esterna f'konformità mar-regoli tad-WTO u tas-suq intern? X'inhil l-fehma tiegħek dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni dwar is-sussidjar inġust ta' vetturi elettriċi bil-batterija miċ-Ċina u d-dazji kumpensatorji proviżorji imposti fuq l-importazzjonijiet ta' dawk il-vetturi? X'miżuri se ttipponi biex jiġu indirizzati l-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-SMEs u l-kumpaniji żgħar Ewropej b'kapitalizzazzjoni medja? X'miżuri se ttipponi biex tattira investimenti privati u tipprevjeni d-delokalizzazzjoni tal-attività ekonomika u dik industrijali?*

Kif indikajt fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet 3 u 4, l-oġġettiv tiegħi se jkun li nħaffew u nimmira l-infurzar tal-għajnuna mill-Istat u naġġusta aktar il-politika dwar l-għajnuna mill-Istat għall-oġġettivi aktar fit-tul biex jiġi implimentat il-Patt għal Industrija Nadifa u jingħata kontribut għall-kompetittività Ewropea. F'dan il-kuntest, kif innota r-rapport ta' Draghi, għandna nisiltu mit-tagħlimiet mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti biex nirreaġixxu għall-kriżijiet u nipprovvu għajnuna kkoordinata fil-livell tal-UE biex jiġi limitat ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-Suq Uniku.

B'mod aktar ġenerali, se nimmodernizza u nsaħħaħ aktar l-infurzar tal-kompetizzjoni, filwaqt li niżgura li dan jappoġġja lill-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jikkompetu u jkunu fuq quddiem nett fid-dinja u u li dan jikkontribwixxi għall-oġġettivi usa' ta' din il-Kummissjoni.

Nemmen fil-multilateraliżmu. WTO riformata hija parti mis-soluzzjoni għall-prosperità globali. Għandna nkomplu niddefendu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE bl-użu tal-firxa sħiħa tas-sett ta' għodod tal-Kummissjoni biex nindirizzaw l-isfidi tal-ekonomija globali. Pereżempju, se ninforza b'mod rigoruż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin biex nipproteġi s-Suq Uniku minn sussidji distorsivi minn pajjiżi barra mill-Unjoni biex niżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha li joperaw fis-Suq Uniku, filwaqt li nibqa' miftuħa għall-kummerċ u l-investment ma' pajjiżi terzi. Se niżgura li r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin jiġi implimentat b'mod koerenti mal-għodod rilevanti l-oħra kollha fis-sett ta' għodod tagħna biex niksbu l-oġġettivi komuni tagħna. Barra minn hekk, naħdmu wkoll biex nirrestawraw kundizzjonijiet ekwi globali permezz ta' konverġenza dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni f'fora oħra barra mid-WTO, bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u n-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni.

Jeħtieġ li niżguraw li l-UE tibqa' post għall-produzzjoni tal-Vetturi Elettriċi bil-Batteriji (BEV, Battery Electric Vehicle) u li nippreżervaw il-kapaċitajiet tal-manifattura tal-UE f'settur li huwa vitali għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE u għall-oġġettivi klimatiċi tagħna. L-investigazzjoni antisussidji tal-BEVs kienet ibbażata fuq fatti u evidenza solida u twettqet f'konformità mar-regoli tad-WTO. Il-Kummissjoni qed taħdem biex issib soluzzjoni negozjata għall-każ tal-BEVs li hija konformi mad-WTO, effettiva u infurzabbli. Dan il-każ mhuwiex sostitut għall-istrateġija industrijali awtomobilistika tagħna. Filwaqt li nħarsu 'l quddiem, jeħtieġ li nwettqu diskussjoni strateġika usa' dwar il-futur tal-industrija tal-karozzi fl-UE, bl-użu tal-għodod ta' politika kollha fis-sett ta' għodod tagħna b'mod koerenti, bil-ħsieb li tinkiseb tranżizzjoni u tiġi żgurata katina tal-valur tal-industrija tal-karozzi ekoloġika, kompetittiva u li tiffunzjona tajjeb fl-Ewropa.

Fir-rigward tal-SMEs, huwa essenzjali li dawn jiġu involuti biex it-tranżizzjoni nadifa u diġitali tal-Ewropa tkun ta' suċċess. Din hija r-raġuni għaliex ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jipprovdu aktar flessibilità għall-Istati Membri biex jappoġġjaw lill-SMEs, pereżempju, b'finanzjament tar-riskju u b'mod ġenerali b'livelli għoljin ta' għajnuna. Barra minn hekk, il-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE jipproteġi lill-SMEs billi jipprevjeni żidiet fil-

prezzijiet u t-telf tal-kwalità u l-innovazzjoni. L-infurzar b'saħħtu tal-antitrust u tal-kartelli jgħin biex jipproteġi lill-SMEs milli jitneħħew mis-suq minn ditti dominanti u jiżgura li dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw minn aċċess ġust għas-swieq, għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati u tal-konsumaturi. Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali li ngħata l-kompi mill-President tal-Kummissjoni li jiddefinixxi l-SMEs abbażi tal-għarfien mill-evalwazzjoni reċenti. Prijorità importanti se tkun li tiġi ffaċilitata aktar il-parteċipazzjoni tal-SMEs u l-aċċess għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs). Barra minn hekk, se niżgura li l-infurzar effettiv tal-antitrust jimxi id f'id mal-infurzar vigoruż tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġi żgurat li n-negozji ġodda Ewropej tat-teknoloġija jkollhom suċċess reali f'dawn is-swieq.

*11. X'azzjonijiet tippredvi biex tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila u biex teħles lill-UE mid-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili? X'se tagħmel biex tħaffef it-tneħħija gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja? X'taħseb li huma l-muturi ewlenin wara l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija fl-UE u x'miżuri konkreti taħseb li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-prezzijiet ikunu kompetittivi, reattivi għas-suq u affordabbli? Kif se tiżgura li n-negozji u l-unitajiet domestiċi jibbenefikaw mill-kostijiet aktar baxxi tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli? Xi rwol għandu jkollhom il-proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs) fir-rigward tal-produzzjoni u l-interkonnnettività tal-enerġija u kif jista' jiġi sfruttat finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tagħhom? Kif tara r-rwol tan-newtralità teknoloġika fil-kuntast tal-provvista tal-enerġija u tal-prezzijiet tal-enerġija? X'inhil-fehma tiegħek dwar l-enerġija nukleari u r-riformar tal-metan bl-istim (SMRs)?*

Il-prezzijiet oġġha u volatili tal-enerġija huma wieħed mill-akbar ostakli għall-kompetittività tagħna u għall-kapaċità tal-industrija tagħna li jikbru kif enfasizzat mir-Rapport ta' Draghi. Jekk niġi kkonfermata, se nidderieġi l-idma fil-Kummissjoni Ewropea dwar enerġija affordabbli u li nxejnu d-dipendenzi tagħna fuq il-fjuwils fossili, billi nibda bl-eliminazzjoni gradwali tal-bqija tal-fjuwils fossili li l-UE timporta mir-Russja. Se naħdem mal-Kummissarji sħabi, speċjalment mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni biex nagħti spinta lill-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija nadifa u nindirizza l-faqar enerġetiku fl-Ewropa kollha. Nemmen li l-aħjar strateġija tagħna biex inwasslu l-affordabbiltà tal-enerġija hija li nlestu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u nibnu Unjoni tal-Enerġija robusta malajr kemm jista' jkun. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tippreżenta Pjan ta' Azzjoni għall-Prezzijiet tal-Enerġija Affordabbli, bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa li jindirizza l-komponenti kollha tal-prezzijiet tal-enerġija, inkluża t-tassazzjoni, u s-swieq finanzjarji, l-iżvilupp ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija u Kuntratti bidirezzjonali għad-differenza għas-swieq tal-enerġija fl-Ewropa. Se nippreżentaw ukoll Pjan Direzzjonali biex jintemmu l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja. Dan se jkun akkumpanjat ukoll minn rieżami tal-arkitettura tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE. Fl-aħħar nett, se nikkonċentraw l-isforzi tagħna fuq l-implimentazzjoni tar-riforma reċenti tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku, l-espansjoni ta' sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija u t-tweqqif ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika.

Miljuni ta' nies diġà qed jaħsbu l-benefiċċji ta' sorsi rinnovabbli rħas bħala awtokonsumaturi jew bħala parti mill-komunitajiet tal-enerġija u rridu niżguraw li aktar nies ikomplu jagħmlu dan. Il-konsumaturi tal-elettriku raw tnaqqis fil-prezzijiet b'valur ta' EUR 100 biljun matul l-2021-2023 bis-saħħa tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-installazzjoni ġdida tal-PV solari u mill-kapaċità eolika. Dan għandu jkompli jseħħ u jikber. Se niżgura li l-Istati Membri jwettqu proċeduri tal-permessi aktar rapidi u aktar effiċjenti, inaqqsu l-piż burokratiku u jimplementaw kif xieraq id-dispożizzjonijiet legali biex jiġu użati sorsi rinnovabbli f'binjiet ġodda kif ukoll f'binjiet rinnovati. Il-politiki tagħna dwar it-taxxi u l-ipprezzar għall-użu tal-enerġija għandhom ikunu allinjati mal-għanijiet sostenibbli fit-tul tagħna filwaqt li jikkontribwixxu biex jitnaqqas id-distakk kompetittiv tagħna. L-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili hija essenzjali għal dan l-għan, kif ukoll biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

L-istabiliment ta' qafas ta' governanza adattat għal sistema tal-enerġija Ewropea flessibbli, integrata u diġitalizzata se jkun kruċjali biex jitlestew it-trasformazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-ġenerazzjoni tagħna. Din hija r-raġuni għaliex se nsegwi b'attenzjoni r-rieżami tar-Regolament dwar il-Governanza.

Iż-żieda fil-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli tirrikjedi grilja elettrika aġġornata kif ukoll flessibilità tal-provvista u tad-domanda u soluzzjonijiet ta' ħżin biex jinfirxu l-benefiċċji ta' sorsi rinnovabbli rħas fis-siġħat kollha tal-jum. Se naħdem mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni biex nippreżenta pjan direzzjonali strateġiku għad-diġitalizzazzjoni u l-IA fis-settur tal-enerġija. Se nimmobilizzaw ukoll il-qafas tan-Networks Trans-Ewropej tal-Enerġija biex inkomplu nappoġġjaw l-infrastruttura transfruntiera ewlenija tal-enerġija għal proġetti bħala proġetti ta' interess komuni. Se ngħin ukoll b'mod attiv l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti infrastrutturali ewlenin permezz tal-Gruppi ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni għall-kooperazzjoni

reġjonali. It-tiġib tal-interkonnnettività bejn il-grilji tal-Istati Membri huwa essenzjali mhux biss biex it-tranżizzjoni tiġi ġestita b'mod aktar effiċjenti iżda wkoll biex il-benefiċċji jinfixxu fl-Ewropa kollha.

Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) huma għodda vitali għall-investiment kollettiv fit-teknoloġiji u l-infrastrutturi tal-futur, li jiġġeneraw innovazzjoni u dinamiżmu industrijali u effetti konsegwenzjali pożittivi għall-ekonomija Ewropea usa'. Dan huwa l-bażi tal-kompatibbiltà tagħhom tal-għajjuna mill-Istat. Dawn huma kritiċi biex jitwasslu soluzzjonijiet Ewropej u biex l-Istati Membri jappoġġjaw proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija b'aċċess miftuħ, jekk jitqiesu ta' importanza kbira għall-UE. Għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-IPCEIs jistgħu jgħinu biex jiżdied il-livell ta' innovazzjoni fit-teknoloġiji nodfa differenti u jiżdiedu pereżempju, l-effiċjenza fl-enerġija jew fir-riżorsi f'diversi setturi (pereżempju, fl-IPCEI approvat dwar it-teknoloġiji tal-cloud u tal-edge computing). Ir-regoli tal-IPCEI jinkoraġġixxu l-kofinanzjament ta' miżuri nazzjonali b'fondi tal-UE u jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament ridirett skont il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform). Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività li jmiss għandu jappoġġja l-IPCEIs.

Se nibbaża fuq il-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika rakkomandata għall-2040 u s-sejbiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata tagħha. Neħtieġu effiċjenza massima fl-użu tat-teknoloġiji differenti, kemm dawk li huma teknoloġiji maturi kif ukoll dawk ġodda li jistgħu jappoġġjaw lill-UE fil-kisba tad-dekarbonizzazzjoni tagħha lil hinn mill-2030, filwaqt li nirrispettaw il-prerogattivi tal-Istati Membri dwar it-taħlita tal-enerġija, f'konformità mal-Artikolu 194 tat-Trattat.

Dwar l-enerġija nukleari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ta' min jinnota li fi Frar 2024, il-Kummissjoni varat ukoll Alleanza Industrijali biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE, biex jiġi aċċellerat l-użu ta' Reatturi Modulari Żgħar (SMRs, Small Modular Reactors) u tiġi żgurata katina b'saħħitha tal-provvista tal-UE, inkluż ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Dan se jisfrutta l-kapaċitajiet tal-manifattura u tal-innovazzjoni tal-UE biex tithaffet l-implimentazzjoni tal-ewwel proġetti SMR fl-UE billi tlestihom sal-bidu tal-2030 skont l-ogħla standards ta' sikurezza nukleari, ta' ġestjoni tal-iskart, ta' sostenibbiltà ambjentali, u ta' kompetittività industrijali.

#### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

*12. Il-portafoll tiegħek ikopri t-tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva, li, skont l-ittra ta' missjoni tiegħek, trid tkun "għall-benefiċċju tan-nies u tal-impjiegi tagħhom". Madankollu, ir-responsabbiltajiet tiegħek bilkemm isemmu l-aspetti soċjali tat-tranżizzjoni ġusta. Kif qed tippjana li taħdem mal-Viċi President Eżekuttiv innominata Roxana Mînzatu? X'miżuri konkreti se tieħu biex tiżgura li l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli jkunu protetti u li t-tranżizzjoni tkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema, li d-drittijiet tagħhom jiġu rispettati u promossi u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura? Se twestaq inizjattiva dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fid-dinja tax-xogħol, fil-kuntest tat-Tranżizzjoni Ġusta?*

*X'miżuri konkreti se tieħu fl-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar biex tiżgura l-acquis tal-UE dwar il-liġi tax-xogħol u biex tiżgura drittijiet tal-impjeg u standards soċjali mtejba?*

*B'mod partikolari, fid-dawl tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali mistennija sa Ġunju 2025, kif se tiżgura li l-Fond Soċjali għall-Klima mhux biss jipprova appoġġ fuq terminu qasir lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli iżda jiskatta wkoll bidliet fit-tul biex in-nies jinħarġu mill-faqar enerġetiku u tat-trasport? Ladarba l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jintemm fl-2027, x'miżuri speċifiċi qed tippjana biex takkumpanja lill-kumpanji u lill-ħaddiema fit-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika? Kif biħsiebek tikkontribwixxi għall-Unjoni tal-ħiliet?*

Jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex niżgura li l-oġettivi klimatiki, ekonomiċi u soċjali jimxu id f'id, b'enfasi fuq il-protezzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli, il-progress flimkien sabiex kulħadd ikun jista' jisfrutta l-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni, u l-promozzjoni ta' tranżizzjoni ċċentrata fuq in-nies. Il-Patt għal Industrija Nadifa il-ġdid se jappoġġja industrijiet sostenibbli u kompetittivi filwaqt li jippromwovi wkoll impjiegi ta' kwalità. Barra minn hekk, il-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità, li għandu jiġi żvilupp mill-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza mas-sħab soċjali, se jiżgura tranżizzjoni ġusta. Dan se jappoġġja pagi ġusti, standards għoljin għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, taħriġ u tranżizzjonijiet ġusti tal-impjiegi għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari billi jżid il-kopertura tan-negozjar kollettiv.

Biex niżgura li l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli jkunu protetti u ħadd ma jitħalla jibqa' lura, se nkun qed naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza dwar l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra

L-Faqar li qatt saret. Din l-istrategġija se tindirizza l-kawżi ewlenin tal-faqar b'mod komprensiv filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi essenzjali, inklużi l-enerġija u t-trasport, u hija kruċjali biex tiġi ggarantita tranżizzjoni ekoloġika ġusta. Il-pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss se jkollu wkoll rwol kruċjali fl-appoġġ tar-rinnovazzjonijiet u l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Il-Fond Soċjali għall-Klima (SCF, Social Climate Fund) se jipprovdi appoġġ lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-utenti tat-trasport vulnerabbli u lill-mikrointrapriżi vulnerabbli biex jiġi indirizzat l-impatti soċjali tas-Sistema l-ġdida għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq (ETS2, Emissions Trading System to buildings and road transport), b'mod partikolari, fir-rigward tal-faqar enerġetiku u tat-trasport. Se nappoġġja lill-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza biex jiġu orjentati l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima lejn l-indirizzar tal-impatti soċjali fuq il-gruppi vulnerabbli affettwati mill-ETS2. L-SCF se jipprovdi appoġġ temporanju dirett għall-introjt u se jinkludi kemm miżuri kif ukoll investimenti, u l-miżuri jridu jwasslu għal bidla strutturali, b'impatti sinifikanti u dejjiema. L-SCF tfassal biex jiskatta bidliet strutturali li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u jikkontribwixxi għall-isforz biex tintlaħaq il-mira ewlenija għall-2030 li jitnaqqas il-faqar, stabbilita mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Matul il-mandat tiegħi, se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza biex niżgura tranżizzjoni ġusta għal kulħadd u biex noħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għall-kumpaniji biex jilhq u l-għanijiet komuni tagħna. Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2024 dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE, il-Kummissjoni se tistabbilixxi Osservatorju ta' Tranżizzjoni Ġusta biex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-progress. Is-servizzi tal-Kummissjoni se janalizzaw l-oqfsa eżistenti rilevanti u jesploraw kif viżjoni konġunta u proattiva b'perkorsi realistiki tista' tiġi promossa bħala parti minn proċessi ta' bidla fit-tul. Se nappoġġja wkoll il-ħidma tagħha fil-qasam tal-liġi tax-xogħol biex niżguraw li n-nies u l-impjegji tagħhom dejjem jibqgħu fil-qalba tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna anke hekk kif l-industriji u l-ekonomiji tagħna jevolvu.

Il-ħiliet huma kruċjali għall-kompetittività tagħna u għal tranżizzjoni nadifa u ġusta. Il-Patt għall-Ħiliet, u informazzjoni tajba dwar il-ħiliet se jkunu parti importanti mill-Unjoni tal-Ħiliet, u se jkollhom rwol ewlieni fit-twassil tal-ħiliet it-tajba għall-industriji kritiċi. Se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza biex nibni fuq il-ħidma eċċellenti tas-Sħubijiet fuq Skala Kbira skont il-Patt għall-Ħiliet, filwaqt li nappoġġja t-tiġdid u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

*13. Hemm kunsens wiesa' li l-kredibbiltà tal-UE tiddependi fuq l-infurzar effettiv tar-regoli tagħha, inkluż l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) u r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin (FSR). X'inhuma l-prijoritajiet ta' infurzar tiegħek f'dan ir-rigward u kif se tiżgura infurzar f'waqt u effettiv li se jissarraf f'benefiċċji għall-konsumaturi u n-negozji tal-UE u li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern? Minħabba li dan ix-xogħol jinvolvi livell għoli ta' kumplessità, kif se tiżgura li jkollok riżorsi adegwati ta' ħiliet u azzjoni koordinata fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea?*

Waħda mill-prijoritajiet tiegħi, jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President Eżekuttiv, se tkun li niżgura li għodod ġodda bħall-Att dwar is-Swieq Diġitali u r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin jiġu infurzati b'mod effettiv u jipprovdu valur miżjud reali għall-konsumaturi u n-negozji tal-UE. Dawn l-għodod għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi li qed jikbru għall-ekonomija tal-UE. Beħsiebni ninforza l-Att dwar is-Swieq Diġitali, li jimponi obbligi fuq l-akbar pjattaformi diġitali, filwaqt li niżgura li dawn il-pjattaformi joperaw b'mod ġust u li jiffavorixxi l-kompetizzjoni. Bl-istess mod, se nagħti l-ogħla prijorità lill-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, li jippermetti lill-Kummissjoni tindirizza d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji mogħtija minn pajjiżi barra mill-Unjoni lil kumpaniji li joperaw fis-Suq Uniku. Dan jippermetti lill-UE tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha li joperaw fis-Suq Uniku, filwaqt li tibqa' miftuħa għall-kummerċ u l-investment.

Għall-Att dwar is-Swieq Diġitali, il-prijoritajiet tal-ħidma tiegħi mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija se jkunu gwidati minn tliet dimensjonijiet importanti. L-ewwel nett, jinfetħu ekosistemi magħluqa, kemm jekk fil-mobiles, fir-riżultati ta' talbiet ta' tftixxa online jew fis-swieq online. Dan se jagħti lin-negozji iżgħar u innovattivi l-opportunità li jipproponu servizzi ġodda lill-konsumaturi. Maż-żmien dan se jagħtihom il-possibbiltà li jikkompetu mal-gwardjani stabbiliti fuq l-art tagħhom stess. It-tieni

nett, l-għoti ta' għażla lill-konsumaturi. Ħafna drabi l-gwardjani jimponu t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom stess fuq il-konsumaturi, u jostnu li l-ebda alternattiva ma hija tajba biżżejjed. It-tielet, l-iżgurar li d-data tappartjeni għal dawk li jiġġenerawha. Iċ-ċittadini għandhom id-dritt li jgħorru d-data tagħhom kull fejn iridu, u li jiddeċiedu jekk iridux li d-data personali tagħhom tintuża għar-reklami jew le. Il-gwardjani m'għandhomx jużaw id-data ġġenerata mill-konsumaturi tan-negozjanti li jbigħu l-prodotti tagħhom fis-swieq online meta jikkompetu ma' dawk in-negozjanti fuq il-pjattaforma tagħhom stess. Irrid nagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej fil-ħajja diġitali tagħhom, u b'dan il-ħsieb se neżiġi li l-gwardjani jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali. Jekk jonqsu milli jagħmlu dan, mhux se noqgħod lura milli nuża l-għodod kollha li jipprevedi l-Att dwar is-Swieq Diġitali, inklużi multi fejn xieraq.

Fir-rigward tal-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, iż-żewġ toroq għall-infurzar huma konċentrazzjonijiet u investigazzjonijiet *ex officio*. Fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet li jinvolvu sussidji barranin, se nkun rigoruża dwar it-tranżazzjonijiet li jinvolvu sussidji minn pajjiżi barra l-Unjoni, u mhux se noqgħod lura milli nuża s-setgħat sħaħ ta' din l-għodda l-ġdida fejn xieraq, inkluż f'każijiet ta' akkwiżizzjonijiet ssussidjati inġustament ta' miri Ewropej. U fir-rigward tal-investigazzjonijiet *ex officio* (jiġifieri investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni), se nkompli bl-investigazzjonijiet preliminari li għaddejjin. B'rispett sħiħ tar-regoli, f'dan l-istadju ma nistax nippreġudika l-eżitu ta' dawn l-investigazzjonijiet. U naturalment, se niżgura li nimmonitorjaw kontinwament għal każijiet ġodda li jeħtieġu azzjoni *ex officio*, u fejn xieraq niftħu investigazzjoni. F'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, beħsiebni niffoka l-isforzi *ex officio* tagħna fuq is-setturi l-aktar affettwati u t-tipi ta' sussidji barranin li huma l-aktar ta' ħsara għall-kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku. Il-ħafna dimensjonijiet tas-Suq Uniku se jeħtieġu koordinazzjoni b'saħħitha, u se nikkontribwixxi b'mod attiv sabiex l-azzjonijiet tagħna jkunu allinjati mal-prijoritajiet Ewropej ewlenin.

#### Mistoqsijiet mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

*14. Skont l-ittra ta' missjoni korrispondenti, il-Viċi President Eżekuttiv futur innominat għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva se tkun responsabbli għall-qafas legali għall-miri tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE u għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni "Lesti għall-mira ta' 55 %". Fl-istess ħin, il-Kumitat TRAN mexxa l-ħidma leġiżlattiva tal-PE dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport (l-inizjattivi RefuelEU Aviation, FuelEU Maritime, revizzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu ta' Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi). X'inhi l-valutazzjoni tiegħek tal-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-Patt Ekoloġiku fuq is-settur tat-trasport? X'inhi l-vizzjoni tiegħek biex tħejji arkitettura ġdida dwar id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport lil hinn mill-2030 filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tat-trasport Ewropej, il-kompetittività tas-settur tat-trasport Ewropew kif ukoll impjegji ta' kwalità għolja u attraenti fl-Ewropa? F'dan ir-rigward, kif tipprevedi l-kooperazzjoni tiegħek mal-Viċi President Eżekuttiv futur għall-Koeżjoni u r-Riformi u l-Kummissarju futur għat-Trasport u t-Turiżmu Sostenibbli?*

F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, is-setturi ekonomiċi kollha jridu jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi tal-UE. F'dan il-kuntest, billi l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għadhom oġġla mil-livelli tagħhom tal-1990, it-trasport huwa kruċjali biex jinkiseb l-impenn għall-klima newtrali tal-UE għall-2050. L-UE stabbiliet qafas ta' politika komprensiv, inkluż il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", u Strateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti li wasslet fost l-oħrajn għall-pakkett dwar il-Mobbiltà Effiċjenti u Ekoloġika, u l-pakkett dwar l-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport tal-Merkanzija għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.

L-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-implimentazzjoni effettiva u l-investimenti meħtieġa huma kruċjali biex jintlaħqu l-oġġettivi ewlenin tagħna. Biex jitlesta n-network ewleni tat-TEN-T sal-2030, huwa meħtieġ li l-infrastruttura tal-UE ssir aktar reżiljenti għad-diżastri naturali jew għall-azzjonijiet ostili, billi jiġu implimentati soluzzjonijiet innovattivi u diġitali bħal fjuwils tat-trasport sostenibbli u infrastruttura tal-iċċarġjar, jiġu mmodernizzati l-flotot tagħna, u tiġi organizzata mobbiltà aktar intelliġenti fl-investment u l-ippjanar tal-bliet. Diġà tressqu proposti biex jittejjeb l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura tagħna, b'mod partikolari għall-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni, u nittama li l-koleġiżlaturi dalwaqt jilhq u ftehim dwar dawn.

Il-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu ngħata l-kompitu li jiżviluppa Pjan ta' Investment għat-Trasport Sostenibbli biex jiprijoritizza l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni fl-UE. Se nappoġġja bis-sħiħ dan l-isforz u ninkorporah fil-Patt għal Industrija Nadifa. Fl-istess ħin, irridu nqisu d-dimensjoni globali. It-tranżizzjoni nadifa jeħtieġ li timxi id f'id ma' miżuri li jsaħħu l-kompetittività globali tas-settur tat-trasport tal-UE, filwaqt li l-ħidma li għaddejjja fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali hija vitali.

L-investimenti pubbliċi se jkollhom rwol importanti, pereżempju, permezz ta' għajjnuna pubblika mmirata tajjeb f'konformità mar-regoli tagħna dwar l-għajjnuna mill-Istat. B'mod simili, se nieħu azzjoni biex niġġield

kwalunkwe sussidju u investment barrani li jista' jkollu effetti distorsivi u li jpoġġi lill-kumpaniji tat-trasport Ewropej tagħna fi żvantaġġ. Madankollu, il-baġit tal-UE ma jistax ikun l-uniku sors ta' investment. Se nappoġġja l-impenn tal-Kulleġġ tal-Kummissarji mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet reġjonali u lokali biex niżgura li fil-baġits u fil-pjanijiet ta' investment tagħhom stess jirriflettu bis-sħiħ l-oġġettivi li lkoll kemm aħna qbilna dwarhom. Jeħtieġ ukoll li nesploraw opportunitajiet ta' finanzjament lil hinn mis-settur pubbliku, u għalhekk se nikkontribwixxi għall-ħidma fuq l-iżvilupp ta' sorsi innovattivi ta' finanzjament, li jistgħu jincattivaw u jisfruttaw l-investimenti tas-settur privat. Dan ix-xogħol għandu jiffoka fuq kooperazzjoni msaħħa mal-Bank Ewropew tal-Investment u mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp biex jiġi żgurat li l-istrategġija ta' self tagħhom jirriflettu l-ħtiġijiet ta' politika l-aktar urġenti.

Il-Kummissjoni li jmiss se tiffoka fuq it-twessigħ tal-aċċess għal għażliet tat-trasport affordabbli għall-Ewropej kollha. L-indirizzar tal-faqar tat-trasport se jallinja mal-ewwel Strategġija Ewropea Kontra l-Faqar li qatt saret mmexxija mill-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza u li se nkun qed nikkontribwixxi bil-ħerqa għaliha. Il-Kummissjoni li jmiss se taħdem ukoll għal standards ta' saħħa u ta' sikurezza għoljin fuq il-post tax-xogħol, tinvesti fit-tiġdid u titjib tal-ħiliet u biex tattira aktar għażiżi lejn is-settur. Flimkien ma' Membri oħra tal-Kulleġġ, se mmexxi l-investment u l-finanzjament tagħna fi tranżizzjoni ġusta u soċjali anke fil-mobbiltà, b'mod partikolari permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima.

Ninsab lesta li nappoġġja bis-sħiħ lill-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu fil-ħidma deskritta hawn fuq u naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

*15. Minkejja l-baġit modest tiegħu, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) kien kisba importanti tal-aħħar leġiżlatura u għodda essenzjali għat-territorji li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi relatati mat-tranżizzjoni lejn in-newtralità għall-klima. Madankollu, kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-allokkazzjoni tar-riżorsi, l-ostakli amministrattivi, u l-ibbilanċjar tal-oġġettivi ambjentali u soċjali llimitaw l-effettività tagħha. B'riżultat ta' dan, ħafna benefiċjarji intenzjonati, fosthom eluf ta' ħaddiema minn industrijati intensivi fl-użu tal-karbonju, tilfu l-appoġġ. Bħalissa, parti kbira mill-allokkazzjonijiet tal-JTF għad iridu jiġu assorbiti sal-2026.*

*Kif qed tippjana li tappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jassorbu l-allokkazzjonijiet iktar malajr u jipprevjenu d-diżimpenji, filwaqt li tiżgura l-valur miżjud tal-proġetti? Qed tikkunsidra li toħloq Fond għal Tranżizzjoni Ġusta 2, jew biħsiebek tinkorpora l-oġġettivi tiegħu f'fondi oħra tal-politika ta' koeżjoni, bil-prinċipju ta' tranżizzjoni ġusta applikat b'mod trażversali? Se talloka aktar riżorsi għal tranżizzjoni ġusta? X'miżuri se tiegħu biex tiżgura li l-appoġġ jasal fir-reġjuni u fis-setturi l-aktar vulnerabbli? Qed tippjana li tissimplifika r-rekwiżiti biex il-ħaddiema jiksbu aċċess għall-appoġġ? Temmen li l-liġijiet dwar l-ghajjnuna mill-Istat jeħtieġ li jiġu riveduti biex jippermettu aċċess aktar sempliċi u rapidu għall-appoġġ? Fl-aħħar nett, qed tippjana li testendi l-appoġġ tal-Fond għar-reġjuni, bħal dawk b'industrija awtomobilistika jew biedja intensiva, u żżid il-finanzjament b'mod proporzjonat?*

F'kollaborazzjoni mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi, jekk niġu kkonfermati, se nibnu fuq l-isforzi li għaddejjin biex nappoġġjaw lir-reġjuni affettwati mit-tranżizzjoni nadifa. L-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund) miexja 'l quddiem b'mod kostanti, bir-rata tal-għażla fil-livell tal-fondi qed tikber għal 25 %. Filwaqt li diversi reġjuni tal-JTF għadhom jeħtieġu appoġġ addizzjonali biex jimplementaw il-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali tagħhom, hemm ħafna għodod disponibbli u se nkompli nħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu minnhom.

L-enfasi hija fuq l-iżgurar li l-fondi kollha jintużaw b'mod effettiv biex jiġu attirati kumpaniji ġodda, jinħolqu l-impjiegi, u jiġu pprovduti opportunitajiet ekonomiċi ġodda f'oqsma li jitbiegħdu mill-faħam u mill-fjuwils fossili. Flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi, se nistinka għal ambjent regolatorju li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-ħaddiema, jipparteċipaw bis-sħiħ fil-finanzjament tal-UE u jibbenefikaw minnu, filwaqt li niżgura li l-politiki tagħna jappoġġjaw l-iżvilupp lokali b'mod inklużiv u effiċjenti.

L-involvement attiv tal-ħaddiema fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-JTF jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament. Pereżempju, il-proġett "Job after coal" fis-sottoreġjun Pollakk ta' Konin ġie żviluppat bħala inizjattiva minn isfel għal fuq tat-trade unions tal-minjieri tal-linjite. L-għan tal-proġett huwa li jappoġġja lill-parteċipanti fi triqithom lejn impjiegi ġodda u sostenibbli billi jipprovdi assistenza mmirata mfassla mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-proġett jappoġġja tiġdid u titjib tal-ħiliet ta' eks impjegati tal-minjieri u tal-impjanti tal-enerġija affettwati mill-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni tal-enerġija mil-linjite.

Se naħdem mal-kollegi tiegħi, il-Kummissarji għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu u l-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel biex nivvaluta modi kif nappoġġja r-reġjuni li jiddependu fuq is-settur awtomobilistiku jew l-agricoltura intensiva għad-dinamiżmu ekonomiku tagħhom. Il-viżjoni għall-futur tal-agricoltura u tal-ikel u l-pjan ta' azzjoni industrijali tal-UE għas-settur awtomobilistiku se jkunu qed jiddeskrivu l-miżuri li nistgħu nieħdu, u nistenna bil-ħerqa biex nagħti l-kontribut tiegħi.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

*16. L-agricoltura u l-forestrija se jkollhom rwol x'jaqdu fi tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva. Dawn huma tnejn mill-ftit setturi li mhux biss jarmu l-karbonju, iżda jistgħu jgħinu wkoll b' mod attiv biex jorbtu l-karbonju, jipprovdu materja prima rinnovabbli u jimmitigaw it-tibdil fil-klima, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini tagħna. Kif biħsiebek issaħħaħ is-setturi tal-agricoltura u tal-forestrija tul tranżizzjoni ġusta? Kif jistgħu jinħolqu inċentivi għall-agricoltura u l-forestrija biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom bħala bjar tal-karbonju u jiksbu t-tranżizzjoni kompetittiva u sostenibbli tagħhom? Kif biħsiebek tgħin lill-bdiewa u lill-forestiera jadattaw għall-isfidi tat-tibdil fil-klima?*

*Kif qed tippjana li ssaħħaħ il-prospetti u l-kontribut tal-agricoltura għat-tisħiħ kemm tat-ikabbir soċjoekonomiku kif ukoll tat-titjib ambjentali, inkluż billi tagħti spinta lill-potenzjal tal-bioekonomija, tal-ekonomija ċirkolari, tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel reżiljenti u tal-metodi innovattivi?*

L-agricoltura u l-forestrija huma ta' importanza strateġika għas-sigurtà u l-awtonomija tagħna. Dawn is-setturi huma kruċjali għall-ambjent naturali tagħna, u huma ċentrali għall-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima u għall-ħolqien ta' bioekonomija ċirkolari fl-2050. Fl-istess ħin, dawn huma setturi ekonomiċi li jridu jkunu kompetittivi u vijabbli. Il-bdiewa u s-sidien tal-foresti jistħoqqilhom introjtu ekwu, u dawn għandhom jiġu appoġġjati, inċentivati, u ppremjati għall-provvista ta' beni pubbliċi.

Biex jissaħħu dawn is-setturi fit-tranżizzjoni, il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK iservu bħala għodda orjentata lejn il-prestazzjoni biex jiġi mmirat l-appoġġ għall-bdiewa, u għal xi forestiera. Fil-pjanijiet attwali, 32 % tal-fondi tal-PAK, li jammontaw għal kważi EUR 97 biljun tal-allokkazzjoni għall-2023-2027, huma ddedikati għall-oġġettivi klimatiċi, ambjentali u tal-benesseri tal-annimali. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport reċenti tagħha dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tat-30 ta' Settembru 2024, tirrikonoxxi li l-“arkitettura ekoloġika” tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-perjodu 2023-2027 tippermetti ambizzjoni ambjentali u klimatika akbar fil-PAK, iżda dan il-potenzjal jeħtieġ li jiġi sfruttat aħjar permezz ta' pjanijiet nazżjonali.

L-għajjnuna mill-Istat jista' jkollha wkoll rwol ewlieni fl-appoġġ tal-agricoltura u l-forestrija. Se naħdem mal-Istati Membri biex ikunu jistgħu jagħmlu użu mir-regoli eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat li jipprovdu qafas speċifiku u rivedut reċentement u eżenzjoni ta' kategorija għas-setturi tal-agricoltura u tal-forestrija u għaż-żoni rurali. Il-qafas u l-eżenzjoni ta' kategorija, imfassla biex ikunu komplementari għall-Politika Agrikola Komuni, jagħtu lill-Istati Membri ambitu wiesa' biex jappoġġjaw lill-bdiewa, billi jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u jappoġġjaw l-investiment. Is-sett ta' għodod tal-għajjnuna mill-Istat huwa kkomplementat minn appoġġ *de minimis* għas-settur agrikolu bħala għodda supplimentari. Jekk niġi kkonfermata bħala Viċi President Eżekuttiv, beħsiebni niżgura li r-rieżami tal-appoġġ *de minimis* agrikolu biex titqies l-inflazzjoni jitlestha malajr.

It-tisħiħ tal-kompetittività, ir-reżiljenza, u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu, se jirrikjedi wkoll approċċ ibbażat fuq l-inċentivi li jikkomplementa l-appoġġ pubbliku. Dan ġie sottolinjat mid-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agricoltura tal-UE. Id-Djalogu Strateġiku rrikonoxxa wkoll il-ħtieġa għal sistema ta' valutazzjoni komparattiva fl-UE kollha bħala prerekwiżit għall-approċċ il-ġdid dwar is-sostenibbiltà. Bir-Regolament il-ġdid dwar l-Assorbiment tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF, Carbon Removals and Carbon Farming) qed nistabbilixxu l-elementi fundamentali għal suq ġdid għas-sostenibbiltà billi nintroduċu approċċ standardizzat għaċ-ċertifikati tas-sostenibbiltà fl-Ewropa kollha. Is-CRCF mhux biss ikopri l-assorbimenti tal-karbonju, iżda jkopri wkoll il-biodiversità u l-adattament billi jirrikonoxxi prattiki ta' ġestjoni li jżidu r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima, itejbu l-fertilità tal-ħamrija u jipproteġu u jirrestawraw in-natura, filwaqt li jipprovdu soluzzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd għas-sovranià tal-ikel u l-produttività tal-art. Kif semmejt hawn fuq, nemmen li l-krediti tan-natura jipprovdu wkoll mezz promettenti biex il-bdiewa jiġu ppremjati għas-servizzi tagħhom u se nappoġġja lill-Kummissarju għall-Ambjent u għar-Reżiljenza tal-Ilma u għal Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva fl-iżvilupp ulterjuri ta' dan il-kunċett.

Speċifikament dwar is-sostenibbiltà fis-settur, fl-2023 il-Kummissjoni adottat Linji Gwida dwar esklużjoni mill-Artikolu 101 tat-TFUE għal ftehimiet ta' sostenibbiltà fl-agrikoltura. Din l-esklużjoni tippermetti lill-produtturi agrikoli u lil operaturi oħra fil-katina tal-provvista agroalimentari jimplimentaw standards ta' sostenibbiltà li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ bħalissa mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u dik nazzjonali. Se nkun lesta li nipprovdni gwida lill-bdiewa u lis-sħab tagħhom fil-katina li jippreżentaw inizzjattivi ta' sostenibbiltà.

Jekk niġi kkonfermata, se nistinka għall-adozzjoni ta' Strateġija ġdida dwar il-Bijoekonomija. Din għandha tippermetti lill-Ewropa tisfrutta l-potenzjal ta' settur li qed jikber, filwaqt li tiżgura l-kompetittività u l-prosperità, inkluż fiż-żoni rurali. Ninsab impenjata li nwettaq strateġija li tipprovdni lin-negozji Ewropej qafas ta' gwida biex jirnexxu fit-tranżizzjoni ekoloġika u ċirkolari.